Ufficċju Komunikazzjoni
ARĊIDJOĊESI TA' MALTA

*18 ta' Ġunju 2013*
81/2013

# ŻJARA TA' KORTEŻIJA LILL-ARĊISQOF PAWLU CREMONA MINN 'THE PRIESTS'

**Data: L-Erbgħa 19 ta' Ġunju 2013**

Post: Il-Kurja tal-Arċisqof, il-Furjana

**Ħin: 11.30 a.m.**

L-Arċisqof Pawlu Cremona O.P. għada, l-Erbgħa 19 ta' Ġunju 2013, ser jilqa' lil Fr Martin O'Hagan, Fr Eugene O'Hagan u Fr David Delargy, tlett saċerdoti Kattoliċi u tenuri Irlandizi magħrufa bħala 'The Priests', għal żjara ta' kortežija fil-Kurja tal-Arċisqof.

Fil-11.30 a.m. il-media ser ikollha l-opportunità tintervista lit-tenuri dwar is-suċċess mużikali tagħhom u l-mod kif jużaw it-talent tal-kant biex iwasslu messaġġ ta' tama u paċi madwar id-dinja. It-trio ta' tenuri Irlandizi ilhom ikantaw flimkien mis-snin sebgħin, meta kienu għadhom studenti f'kulleġġ Irlandiz. Fl-2008 ħarġu l-ewwel album bl-isem 'The Priests' li jinbiegħ f'aktar minn tletin pajjiż u sal-lum inbiegħu aktar minn miljun kopja fl-Irlanda biss. Huma rrekordjaw żewġ albums oħra li wkoll kisbu suċċessi kbar u numru ta' *awards*. 'The Priests' jistqarru li l-prijorità tagħhom tibqa dejjem il-ministeru tas-saċerdozju u l-ħidma pastorali li jwettqu fil-parroċċi.

Nhar il-Ġimgħa 21 ta' Ġunju, 'The Priests' ser jagħtu kunċert 'live' fl-Istitut Kattoliku, il-Furjana, bis-sehem tas-soprano Maltija Gillian Zammit u orkesta ffurmata minn disa' mużiċisti Maltin. Il-biljetti għal dan il-kunċert huma mibjugħa kollha.